**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1079/01 AJD*

Avantech Limited

vs

Dario Azzopardi

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) dovuta fuq konsenja ta' diversi oggetti relatati ma' 'software' u 'hardware' ta' 'computers' forniti mill-atturi lill-konvenut li baqghu ma thallsux.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Marie Claire Mifsud, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR